Komunikazzjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu tal-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi fiż-żona ta' Żory-Rybnik

(2014/C 232/10)

Il-proċedura għandha x'taqsam mal-għoti ta' konċessjonijiet għall-ipprospettar jew għall-esplorazzjoni ta' depożiti tal-metan mis-saffi tal-faħam, fiż-żona ta' Żory-Rybnik fil-provinċja ta' Śląskie:

Isem	Nru tal-blokk	it-tqassim tal-1992	
		X	Y
Żory-Rybnik	parti mill-blokk ta' konċessjoni Nru 390	242 385,73	470 962,96
		243 155,77	471 323,24
		243 219,27	471 596,14
		243 453,05	471 633,50
		243 057,46	473 936,75
		241 751,38	472 910,54
		243 440,95	471 696,44

L-applikazzjonijiet iridu jkopru l-istess żona.

L-applikazzjonijiet tal-konċessjoni jridu jitressqu fl-uffiċċju ċentrali tal-Ministeru għall-Ambjent sa mhux aktar tard minn nofsinhar CET/CEST dakinhar meta jintemm il-perjodu ta' 91 ġurnata wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-applikazzjonijiet li jaslu jingħarblu skont dawn il-kriterji:

(a) it-teknoloġija proposta għall-ħidma (50 %);

(b) il-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tal-applikant (40 %);

(c) il-miżata proposta għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri (10 %).

Il-miżata minima għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt tal-minjieri għaż-żona ta' Żory-Rybnik hi:

1. fil-każ tal-ipprospettar ta' depożiti tal-metan mis-saffi tal-faħam:

— waqt perjodu bażi ta' tliet snin: PLN 2 000,00 kull sena;

— għar-raba' u l-ħames snin ta' validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 2 000,00 kull sena;

— għas-sitt sena u s-snin sussegwenti ta' validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 2 000,00 kull sena;

2. fil-każ ta' esplorazzjoni ta' depożiti tal-metan mis-saffi tal-faħam:

— waqt perjodu bażi ta' tliet snin: PLN 4 000,00 kull sena;

— għar-raba' u l-ħames sena ta' validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 4 000,00 kull sena;

— għas-sitt sena u s-snin sussegwenti ta' validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 4 000,00 kull sena;

3. fil-każ tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni ta' depożiti tal-metan mis-saffi tal-faħam:

   — waqt perjodu bażi ta' ħames snin: PLN 6 000,00 kull sena;

   — għas-sitt, għas-seba' u għat-tmien sena ta' validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 6 000,00 kull sena;

   — għad-disa' sena u s-snin sussegwenti ta' validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 6 000,00 kull sena.

L-applikazzjonijiet jinfetħu pubblikament fl-uffiċċju ċentrali tal-Ministeru għall-Ambjent f'nofsinhar CET/CEST tal-erbatax-il ġurnata tax-xogħol wara li tiskadi s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. Il-proċedura ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni se tintemm fi żmien sitt xhur wara li tiskadi s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. L-applikanti se jirċievu avviż bil-miktub bir-riżultati tal-proċedura.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru bil-Pollakk.

L-awtorità tal-liċenzji se tagħti l-konċessjonijiet għall-ipprospettar jew għall-esplorazzjoni ta' depożiti tal-metan mis-saffi tal-faħam, lill-applikant magħżul wara li tqis l-opinjoni tal-awtoritajiet rilevanti, u se tikkonkludi kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri miegħu.

Sabiex tkun tista' twettaq attività li tinvolvi l-ipprospettar jew l-esplorazzjoni ta' depożiti tal-metan mis-saffi tal-faħam fil-Polonja, il-kumpanija inkwistjoni għandu jkollha kemm id-drittijiet tal-użufrutt tal-minijieri kif ukoll konċessjoni.

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu lil:

Il-Ministeru għall-Ambjent,
id-Dipartiment tal-Ġeoloġija u l-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi
ul. Wawelska 52/54
00-922 Warszawa
POLSKA/POLAND

Jista' jinkiseb aktar tagħrif minn:

— il-websajt tal-Ministeru għall-Ambjent:

  www.mos.gov.pl

— id-Dipartiment tal-Ġeoloġija u l-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi
  il-Ministeru għall-Ambjent
  ul. Wawelska 52/54
  00-922 Warszawa
  POLSKA/POLAND

  Tel. +48 225792449
  Feks +48 225792460

  e-Mail: dgikg@mos.gov.pl

Bl-approvazzjoni ta':

il-Ġeoloġista Kap tal-Istat

Sławomir M. BRODZIŃSKI